MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**DAVID SCICLUNA**

Seduta ta' l-10 ta' Gunju, 2009

Appell Kriminali Numru. 343/2008

**Il-Pulizija**

**v.**

***… omissis …***
***… omissis …***
**Clayton Pace**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Clayton Pace talli fit-3 ta' Mejju 2008 ghall-habta ta' 12.45 p.m. gewwa Triq Mikiel Anton Vassalli, San Giljan:

(1) Hebb kontra Ronald Axis sabiex jingurja, idejjaq jew jaghmel hsara lil din il-persuna jew lil haddiehor;

(2) Saq vettura Nru CAC 127 tal-ghamla Isuzu minghajr ma kellu licenzja tas-sewqan mill-Awtorita` dwar it-

Trasport ta’ Malta taht dik il-kategorija specifikata ghall-imsemmi vettura;

(3) B’hekk saq dik il-vettura meta ma kienx kopert b’polza tal-assigurazzjoni dwar ir-riskji ta’ terzi persuni.

Il-Qorti giet mitluba li barra li taghti l-piena stabbilita tordna li l-imsemmi Clayton Pace jigi skwalifikat milli tiehu jew ikollu ebda licenzja ghal perjodu ta’ mhux inqas minn tnax-il xahar;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali tas-6 ta’ Novembru 2008 li permezz taghha dik il-Qorti ma sabitx lill-imsemmi Clayton Pace hati tal-ewwel imputazzjoni u lliberatu minnha izda sabitu hati tat-tieni u t-tielet imputazzjonijiet u, wara li rat l-artikolu 15(1)(a) tal-Kap. 65 u l-artikolu 3(1)(2) tal-kap. 104, ikkundannatu multa ta’ erba’ mitt euro (€400);

Rat ir-rikors ta’ appell ta’ l-Avukat Generali pprezentat fil-25 ta’ Novembru 2008 li permezz tieghu talab li din il-Qorti tirriforma u timmodifika s-sentenza appellata billi filwaqt li tikkonfermaha f’dik il-parti fejn illiberat lill-imputati mill-ewwel imputazzjoni u ddikjarat u sabet htija kontra Clayton Pace fir-rigward it-tieni u t-tielet imputazzjoni, thassarha u tirrevokaha f’dik il-parti fejn il-Qorti applikat il-piena, u minflok tinfliggi l-piena skond il-ligi;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

L-aggravju ta’ l-appellant Avukat Generali jirrigwarda l-piena peress illi jsostni illi l-ewwel Qorti applikat piena li fil-kobor taghha mhijiex dik ikkontemplata fl-artikolu 3(2) tal-kap. 104 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Effettivament il-paragrafu (a) tas-subartikolu (2) ta’ l-artikolu 3 tal-Kap. 104 tal-Ligijiet ta’ Malta jipprovdi testwalment illi fil-kaz ta’ l-ewwel reat, il-piena hi dik ta’

**"multa ta' mhux anqas [minn] elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin euro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37) izda ta' mhux izjed minn erbat elef, sitt mija u tmienja u hamsin euro u hamsa u sebghin centezmu (€4,658.75) jew prigunerija ghal zmien ta' mhux izjed minn tliet xhur, jew il-multa u l-prigunerija flimkien."** Imbaghad is-subartikolu (2B) ta' l-istess artikolu 3 jeskludi l-applikabilita` ta' l-artikolu 21 tal-Kodici Kriminali li permezz tieghu Qorti tista' taghti piena taht il-*minimum* stabbilit mil-ligi ghal ragunijiet specjali u straordinarji. Mill-atti mbaghad jirrizulta illi l-appellat kellu 20 sena fi zmien ir-reati in kwistjoni; ghalhekk dan jeskludi wkoll l-applikabilita` ta' l-artikoli 35 sa 37 tal-Kodici Kriminali. Konsegwentement l-Avukat Generali ghandu ragun u l-aggravju tieghu jimmerita li jigi milqugh.

Ghal dawn il-motivi:

Tiddeciedi billi tilqa' l-appell, tirriforma s-sentenza appellata billi tirrevokaha in kwantu kkundannat lill-imsemmi Clayton Pace ghall-hlas ta' multa ta' erba' mitt euro (€400) u minflok tikkundannah ghal multa ta' elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin euro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37) pagabbli mitejn euro (€200) fix-xahar, l-ewwel pagament sa l-ahhar ta' Gunju 2009 u jekk jonqos milli jhallas pagament wiehed, jigi dovut il-bilanc kollu li jigi konvertit fi prigunerija skond il-ligi. Tikkonferma s-sentenza appellata fil-bqija.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------